MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 231/2002

Il-Pulizija
(Spettur N. Lanzon)
Vs
Josianne Bonello

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Lulju, 2002 ghall-habta tat-3.00 p.m. fl-ghassa tal-Pulizija ta' B'Bugia, insulentat lil PS 853 Frankie Sciberras, persuna nkarigata mis-servizz pubbliku skond il-ligi waqt il-qadi ta' dmirijietu, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 t'Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 95 u 28A tal-Kap 9, sabet lill-imputata hatja

skond l-akkuza w ikkundannata ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-14 t'Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, w tiddikjara lill-esponenti mhux hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontriha w konsegwentement tilliberha minn kwalunkwe imputazzjoni w piena w subordinatament u assolutament bla pregudizzju ghat-talba tar-revoka tas-sentenza, anke jekk l-esponenti tinstab hatja fuq il-fatti kif konstatati mill-Ewwel Qorti ghandha tigi inflitta piena li tixraq aktar il-kontravenzjoni li taghha giet akkuzata.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-  A. illi l-fatti tal-kaz li taghhom ghamlet apprezzament l-Ewwel Qorti ma jwasslux ghar-reat kif dedott fil-komparixxi ; B. li l-Ewwel Qorti ma messhiex sabet lill-appellanti  hatja  tal-imputazzjonijiet dedotta kontriha . Kien hemm dubju li kellu jmur favur l-appellanti; C. L-Ewwel Qorti ma setghetx tinfliggi piena ghal xi delitt li tieghu ma kienetx akkuzata w dana ghax l-EwwelQorti ma emmnitx lill-appellanti imma hi ma kienetx akkuzata bi spergur ; u D. il-piena inflitta kienet wisq eccessiva konsiderando l-akkuza dedotta kontra l-appellanti .

Rat l-atti kollha processwali nkluza x-xiehda traskritta  li inghatat quddiem l-Ewwel Qorti ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur waqt is-seduta  tat-12 ta' Dicembru, 2002;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-incident li ta lok ghall-proceduri odjerni kontra l-appellanti gara  fit-28 ta' Lulju, 2002 , meta l-appellanti , waqt li kienet fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia , allegatament  irriferiet ghas-Surgent tal-Pulizija PS 853 Frankie Sciberras b' kelma dispreggjattiva "PUFTA" waqt

li kienet qed titkellem ma PC 1091 u dana l-ghada li l-imsemmi PS Sciberras kien taha "parking ticket" . L-appellanti cahdet li kienet qalet din il-kelma u f'dan kienet konfortata mix-xhud Josephine Camilleri li kienet akkompanjatha fl-ghassa dak in-nhar . Pero' l-Ewwel Qorti ma tat ebda affidament lil dawn iz-zewg xhieda w emmnet lil PC 1091 w allura sabet lill-appellanti hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali li jirrigwarda ngurji jew theddid kontra ufficjali pubblici .

Illi l-ewwel tlitt aggravji tal-appellanti jirrigwardaw bazikament l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti . Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, "principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx , legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" 10.5.02 u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "safe and satisfactory" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

Issa fil-kaz in ezami , l-Ewwel Qorti kellha quddiemha x-xiehda skjetta ta' PC 1091 u mill-banda l-ohra dik tal-appellanti u x-xhud Josephine Camilleri . Illi l-principju enuncjat fl-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali hu li x-xiehda ta' xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt , hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox , daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt , li, wara li rat il-komportament, il-karattru , l-kondotta , il-fattizzi kollha tax-xhieda u c-cirkostanzi kollha tal-kaz , kif tenuta li taghmel skond l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali , temmen lil PC 1091 u tiskarta c-cahda tal-appellanti w tax-xhud Camilleri . Din il-Qorti ma tarax raguni ghala ghandha tiddisturba dan l-apprezzament ta' fatt maghmul mill-Ewwel Qorti w ghalhekk mhux ser taghmel dan , salv dak li ser jintqal

aktar ‘l isfel f’ dis-sentenza. Ghalhekk qed taccetta bhala fatt pruvat - kif irrizulta lill-Ewwel Qorti - li l-appellanti fil-jum u post in kwistjoni rriferit ghall-PS Sciberras bhala “PUFTA” .

Stabilit dan il-punt ta’ fatt ,il-Qorti trid issa tara x’inhuma l-konsegwenzi legali ta’ dan .Illi l-artikolu 95 (1) tal-Kodici Kriminali, fil-parti rilevanti tieghu ghall-kaz in ezami , jghid testwament hekk :-

“Kull min .....jingurja jew jhedded , jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarikat skond il-ligi minn servizz pubbliku , waqt li jkun jaghmel , JEW MINHABBA LI JKUN GHAMEL DAN IS- SERVIZZ (emfasi tal-Qorti) .....jehel , meta jinstab hati , l-piena stabilita ghall-ingurja , ... mizjuda bi grad.”

Umbaghad l-artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li :-

“kull min , bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd , iwegghu bi kliem , b’gesti , b’disinji jew b’xi mod iehor , jehel meta jinsab hati , l-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlitt xhur jew il-multa .”

u s-subartikolu (2) tal-istess artikolu jghid :-

“Jekk l-ingurja ssir bi kliem mhux imfisser car jew b’canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew eghmil li jkun biss mhux xieraq , il-hati jehel il-pieni stabiliti ghall-kontravvenzjonijiet.”

Pero’ s-subartikoli (2) u (3) tal-imsemmi artikolu 95 jiddisponu li :-

“Izda il-piena ma tizdiedx meta hija dik stabilita ghall-kontravvenzjonijiet.”

u “Il-piena lanqas ma tizdied meta hija dik tal-prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur , izda f’dan il-kaz , il-Qorti tista’ ma din il-piena zzid il-multa.”

Illi ma hemmx dubju li l-uzu tal-kelma adoperata mill-appellanti hija wahda dispreggjattiva w ingurjuza fil-konfront tas-Surgent Sciberras . Id-diffikolta’ li tinholoq hija jekk l-uzu ta’ din il-kelma waheda b’mod mhux specifikat jew marbut ma xi event , persuna ohra jew agir

partikolari ghandux jitqies bhala l-ingurja kontemplata fl-artikolu 252 (1) fil-gergo legali maghrufa bhala “ingurja gravi” jew dik kontemplata fis-subartikolu (2) , maghrufa bhala “ingurja semplici” u dana ghaliex il-konsegwenzi fil-piena huma ovvjament alkwantu differenti .

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti , l-kelma adoperata mill-appellanti b’mod generiku u bla ebda rabta ma xi persuni ohra, agir partikolari w eventi partikolari , “in common parlance” u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata , ma tistax titqies bhala ingurja gravi , l-istess bhal ma l-kelma generika “qahba” giet ritenuta li ma tikkostitwix ingurja gravi imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu (2) tal-artikolu 252 . Ghalkemm il-veru sinifikat tal-kelma hu dak li hu w cioe’ li jimplika li persuna hija omosesswali , fil-gergo ta’ kulljum , din il-kelma - li sfortunatament spiccat fuq fomm hafna nies - saret tfisser persuna sgradevoli , antipatika, kiesha jew li mhux ta’ min wiehed ikollu x’jaqsam maghha u dan ghal kull raguni kwalsiasi mhux necessarjament minnhabba konnotazzjonijiet omosesswali . B’dan din il-Qorti b’ebda mod ma trid tnaqqas il-portata jew il-gravita’ tar-reat kommess kontra persuna fdata b’servizz pubbliku bhal ma kien P.S. Sciberras u minhabba dan is-servizz li hu jkun wettaq , kif jirrizulta li gara f’dan il-kaz. Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan ,kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi w tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom . Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan .

Illi pero’ fil-kaz in ezami , ladarba jidher li l-ingurja li sofra PS Sciberras kienet dik kontemplata fl-art. 252 (2) tal-Kodici Kriminali , l-piena applikabbli ghaliha kienet dik tal-kontravvenzjonijiet u din ma tizdiedx bi grad skond l-artikolu 95 (2) . Issa skond l-artikolu 7 (2) tal-Kodici Kriminali , l-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma : -

(a) id-detenzjoni ;
(b) l-ammenda ; u
(c) ic-canfira jew it-twiddiba.

Issa skond l-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali is-sentenza sospiza tista' tinghata biss meta l-Qorti tkun ser taghti sentenza ta' PRIGUNERIJA (emfasi ta' din il-Qorti) u mhux ukoll fil-kaz biss ta"DETENZJONI" li hija l-piena massima li tista' tinghata fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet kif fuq intqal . Konsegwentement l-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-piena tal-prigunerija w d-dispozizzjonijiet tas-sentenza sospiza kontemplati fl-artikolu 28A kif ghamlet fis-sentenza appellata .

Ghalhekk ir-raba aggravju tal-appellanti dwar il-piena jidher gustifikat u ghandu jigi milqugh .
Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellanti limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b'dana li tikkonfermha in kwantu sabet lill-appellanti hatja li ingurjat bi kliem lill-P.S. Sciberras persuna inkarikata minn servizz pubbliku minhabba li kien ghamel dan is-servizz , b'dana pero' li tiddikjara li tali ingurja kienet tali li taqa' taht dawk l-ingurji kontemplati fl-artikolu 252 (2) tal-Kodici Kriminali ; u tirrevokha in kwantu ikkundannatha ghal xahar prigunerija sospizi ghall-sena w minnflok , wara li rat l-artikoli 95 (1) u (2) , 252 (2) , 7 ,13 u 14 tal-Kodici Kriminali , tikkundannha ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (LM25) Maltin , pagabbli minnufieh u , fin-nuqqas tal-hlas, din l-ammenda ghandha tigi konvertita f' detenzjoni bir-rata ta' gurnata ghal kull hames liri (LM5) .

--------------------------------TMIEM--------------------------------